MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2011

Numru. 506/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR PRISCILLA CARUANA**
**KONTRA**

**ADRIAN ATTARD**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Adrian Attard ta' 35 sena, bin Joseph u Maria Dolores nee' Caruana, mwieled 3 ta' Lulju 1975 Attard, residenti 94 Maison Joris, Triq San Girgor, Zejtun u detentur tal-Karta tal- Identita' bin- numru 432075M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli fit- 22 ta' Mejju 2010 ghall- habta tal- 22.40hrs quddiem il- Power Bar, li jinsab fi Triq il- Bajja s- Sabiha, Birzebbugia, volontarjament ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il- persuna ta' Wayne Deguara skont kif iccertifika Dr. Joseph Agius Muscat MD numru tar- registrazzjoni 2539 mic- Centru tas- Sahha ta' Rahal Gdid;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat kien jaghti l-ghinuna tieghu lill-familjari fl-istabbiliment "Power Bar" f'Birzebbuga, billi jigbor tazzi uzati u jnaddaf wara l-klijenti. Is-sidien bdew jinnotaw li kienu qed jonqsu numru ta' affarjiet mil-bar, u bdew jissuspettaw li certu zghazagh li jiffrekwentaw l-istess bar kienu qed jiehdu x-xorb taghhom faccata ta-triq u jibqghu sejrin bit-tazzi u bil-bramel tas-silg.

Fit-22 ta' Mejju, 2010, l-imputat kien qed ighin fit-tmexxija tal-bar, u lemah xi zghazagh sejrin 'l hemm b'tazzi u barmil tas-silg. Hu gera ghal warajhom, u kif lahaqhom huma qabdu jtuh, u biex jiddefendi ruhu kkawzalhom xi griehi. B'hekk ittiehdu dawn il-proceduri kontra tieghu.

Mil-provi prodotti, il-Qorti hi tal-fehma li l-imputat assolutament m'huwiex hati tal-imputazzjonijiet imressqa kontra tieghu. Huwa evidenti li hu gie aggredit minn Wayne Deguara u ohrajn, u ddefenda lilu nnifsu mill-aggressjoni ta' dawn in-nies. Dan irrisulta car mix-xhieda okulari prodotti mill-istess Prosekuzzjoni. L-imputat l-anqas ma kellu ghalfejn jixhed in difesa, daqs kemm kienu cari l-fatti favur tieghu. Zgur li hu ma kkaguna ebda offiza

volontarja fuq hadd. Semmaj, kien gustifikat pjenament li jiddefendi ruhu b'kull mezz illi seta'. Ghalhekk il-Qorti sejra tilliberah minn kull htija u piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l- Artikoli 214 u 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------